**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**DISTRETT NAXXAR**

**Pulizija**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

**(Każ Nru. 4)**

**Illum, 9 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Emanuel Camilleri bil-karta tal-identità numru 454959M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli nhar l-14 ta' Mejju 2017, għal ħabta ta' 9.40hrs ġewwa l-għalqa Ta' Dukkiena li tinsab fi Triq is-Salina, Naxxar,

1. *Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor, lil Giuseppe Camilleri u lil Yvonne Camilleri;*
2. *Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Giuseppe Camilleri b'ġebel jew b'oġġett iebes, jew waddab, jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih;*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Giuseppe Camilleri skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artiklu 553 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Fis-smigħ ta' din il-kawża, xehdu Giuseppe Camilleri, Emanuel Camilleri u Paolo Camilleri. Yvonne Camilleri ma xehditx f'dawn il-proċeduri.

Giuseppe Camilleri sostna li huwa ġie mhedded b'minġel minn Emanuel Camilleri, filwaqt li martu ġiet mgħajjra pupazza. Giuseppe Camilleri ppreżenta xi ritratti, li fihom jidher Emanuel Camilleri b'mingel f'idejh. Xehed imbagħad fis-seduta tad-19 ta' Frar 2021, fejn spjega li l-filmat li kellu ta' dan l-inċident, tħassar, u li kellu biss l-istills. Din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni u l-parte ċivile, naqqsu li jġibu l-aħjar prova ta' dak li seħħ dakinhar tal-allegat inċident. Il-Qorti tqies li hija wisq inverosimili, li l-parte ċivile li refa' l-istills minn dan il-filmat, naqas li jerfa' kopja tal-filmat. Dana meta kif jidher mix-xhieda mogħtija, kemm minnu stess, kif ukoll minn ħu l-imputat, u ħuh l-ieħor Paolo, huwa dejjem jiġbed il-filmati. In fatti, fix-xhieda tiegħu, Giuseppe Camilleri sostna li f'din l-okkażżjoni, allegatament, l-imputat ma ndunax li kien qed jiffilmjah, għaliex li kieku, ma kienx jibqa' jheddu, peress li ħuh Emanuel, kien dera li meta jarah bil-mobile f'idejh, ibiddel l-attitudni.

Minn dan il-filmat, kien jirriżulta jekk l-imputazzjonijiet kinux jissussistu ommeno.

F'din il-kawża, kull ma tressqu kienet verżjoni kontrastanti, fejn Giuseppe Camilleri qed isostni, li huwa u martu ġew insulentati, u huwa ġie mhedded b'minġel, mentri l-imputat, ikkorraborat ukoll mix-xhieda ta' ħuh Paolo, qed isostni li huwa fl-ebda ħin ma nsulenta jew hedded lil ħuh Giuseppe, jew lill-mara ta' ħuh, Yvonne, u li fl-ebda ħin ma hedded lil ħuh bil-minġel. Skont l-imputat, huwa kien għaddej fuq xogħlu fir-raba', u nzerta kellu l-minġel f'idejh.

Huwa minnu li x-xhieda ta' Paolo Camilleri ma kinitx tikkombaċċa perfettament ma' dik mogħtija mill-imputat, iżda entrambi xehdu li l-imputat, fl-ebda ħin ma nsulenta jew hedded lil Giuseppe u Yvonne Camilleri.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqies li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat, ma ġewx sodisfaċentement ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, u sejra għalhekk, tillibera lill-imputat.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**